**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru. 469/18**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**
**(Spettur Shawn Pawney)**
**Vs**
**David Scicluna**

**Illum 10 ta' Jannar 2019**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront ta' David Scicluna ta' erbgħa u tletin (34) sena, iben Victor u Salvina neè Baldacchino, imwieled Pietà nhar il-25 ta' Ġunju 1984 u residenti Flat 1, May Mansions, Triq l-Iskal, Marsascala, detentur ta' Karta ta' l-Identità bin-Numru 322584(M), talli b'diversi atti magħmulin, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposiżżjonijiet tal-Liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

(A) Nhar is-27 ta' Lulju 2018, għall-ħabta ta' 3:10p.m., ġewwa The Convenience Shop, fi Triq Santa Monika, Tarxien:

1. Ikkommetta serq ta' flus kontanti u/jew xi oġġetti oħra, liema serq hu ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-valur, li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin centeżmu (€2,329.37), liema serq sar għad-dannu ta' Shawn Caruana, Franridge Schembri u s-soċjetà CSC Retail Ltd. u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entità u/jew entitajiet ohra;
2. Bla ordni skond il-Liġi ta' l-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-Liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, żamm jew issekwestra lil Silvana Sciberras, Liliana Desira u Dianne El-Kafas kontra l-volontà tagħhom, liema delitt sar bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra;
3. Filwaqt li kien qed jagħmel delitt kontra l-persuna jew delitt ta' serq kellu fuqu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari;

(B) Nhar it-18 ta' Ġunju 2018, għall-ħabta ta' 12:45p.m., ġewwa Standa II Self Service fi Triq Karlu Maratta, Tarxien:

4. Ikkommetta serq ta' flus kontanti u xi oġġetti oħra, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-valur, li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disgħa u

għoxrin Euro u sebgħa u tletin centeżmu (€2,329.37), liema serq sar għad-dannu ta' Marion Psaila u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entità u/jew entitajiet oħra;

5. Bla ordni skond il-Liġi ta' l-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-Liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil Tiziana Scerri u Mounira Ayari kontra l-volontà tagħhom, liema delitt sar bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra;
6. Filwaqt li kien qed jagħmel delitt kontra l-persuna jew delitt ta' serq kellu fuqu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari;

(C) Nhar is-16 ta' Ġunju 2018, għall-ħabta ta' 2:15p.m., ġewwa The Convenience Shop fi Triq Dawret it-Torri, Santa Luċija:

7. Ikkommetta serq ta' flus kontanti u xi oġġetti oħra, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-valur, li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin centeżmu (€2,329.37), liema serq sar għad-dannu tas-soċjetà Daily Retail Challenge Ltd. u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entità u/jew entitajiet oħra;
8. Bla ordni skond il-Liġi ta' l-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-Liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil Ramona Caruana u Naomi Cutajar kontra l-volontà tagħhom, liema delitt sar bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra;
9. Filwaqt li kien qed jagħmel delitt kontra l-persuna jew delitt ta' serq kellu fuqu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari;

(D) Ukoll talli f'dawn il-Gżejjer, fis-27 ta' Lulju 2018, u/jew fix-xhur ta' qabel:

10. Ġarr 'l barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellu liċenza jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija;

11. Finalment, ukoll, talli rrenda ruħu reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, permezz ta' diversi sentenzi definittivi mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Qrati ta' Malta;

Rat li waqt is-seduta tad-29 ta' Lulju 2018[1], meta sarlu l-eżami l-imputat iddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi tratta bi proċedura sommarja u wieġeb li huwa ħati ta' l-akkużi kollha dedotti fil-konfront tiegħu;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni a fol. 13 sa' 21 tal-proċess;

Rat li b'Digriet mogħti fid-29 ta' Lulju 2018, il-Qorti ordnat li jitħejja *pre-sentencing report* fir-rigward ta' l-imputat sabiex tingħata indikazzjoni dwar piena idoenja għall-imputat sabiex filwaqt li jingħata l-piena għar-reati minnu imwettqa w ammessi, jiġu indirizzati wkoll problemi psikoloġiċi li huwa għandu kif ukoll biex tiġi indirizzata l-problema ta' abbuż ta' droga li għandu **u** ordnat ukoll li l-imputat tqiegħed taħt

[1] Fol. 12 tal-proċess.

Temporary Supervision Order sabiex fil-mori tal-proċeduri huwa jibda jiġi segwit minn psikologu;

Rat li b'Digriet mogħti fid-29 ta' Ottubru 2018[2], l-Uffiċjal tal-Probation Donnalise Camilleri ġiet diretta biex filwaqt li tieħu in konsiderazzjoni r-rakkomandazzjonijiet magħmula minn Dr. Kevin Sammut Henwood fir-rigward ta' l-imputat, mill-ġdid tħejji *pre-sentencing report* fir-rigward ta' l-imputat;

Rat li b'Nota ppreżentata fit-13 ta' Novembru 2018, is-Senior Probation Officer Antonella Debono infurmat lill-Qorti li fil-proċeduri in eżami l-Uffiċjal tal-Probation Donnalise Camilleri giet sostitwita mill-Uffiċjal tal-Probation Deborah Farrugia;

Rat il-*pre-sentencing report* imħejji mill-Uffiċjal tal-Probation Donnalise Camilleri a fol. 28 sa' 53 tal-proċess, rat ir-Rapport ta' Dr. Kevin Sammut Henwood a fol. 77 sa' 84 tal-proċess u rat il-*pre-sentencing report* imħejji mill-Uffiċjal tal-Probation Deborah Farrugia a fol. 97 sa' 116 tal-proċess;

Semgħet ix-xhieda ta' l-Uffiċjal tal-Probation Donnalise Camilleri mogħtija waqt is-seduti tat-28 ta' Awwissu 2018[3] u tal-5 ta' Settembru 2018[4], ix-xhieda ta' Dr. Kevin Sammut Henwood mogħtija waqt is-seduti ta' l-4 ta' Ottubru 2018[5] u tad-29 ta' Ottubru 2018[6] u x-xhieda ta' l-Uffiċjal tal-Probation Deborah Farrugia mogħtija waqt is-seduta tas-27 ta' Novembru 2018[7];

Semgħet it-trattazzjoni finali da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat David Scicluna qed jiġi akkużat talli b'diversi atti magħmulin, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposiżżjonijiet tal-Liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

(A) Nhar is-27 ta' Lulju 2018, għall-ħabta ta' 3:10p.m., ġewwa The Convenience Shop, fi Triq Santa Monika, Tarxien:

1. Ikkommetta serq ta' flus kontanti u/jew xi oġġetti oħra, liema serq hu ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-valur, li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), liema serq sar għad-dannu ta' Shawn Caruana, Franridge Schembri u s-soċjetà CSC Retail Ltd. u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entità u/jew entitajiet ohra;
2. Bla ordni skond il-Liġi ta' l-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-Liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, żamm jew issekwestra lil Silvana Sciberras, Liliana Desira u Dianne El-Kafas kontra l-

[2] Fol. 72 tal-proċess.
[3] Fol. 55 sa' 60 tal-proċess.
[4] Fol. 62 sa' 66 tal-proċess.
[5] Fol. 68 sa' 70 tal-proċess.
[6] Fol. 73 sa' 76 tal-proċess;
[7] Fol. 88 sa' 96 tal-proċess.

volontà tagħhom, liema delitt sar bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra;

3. Filwaqt li kien qed jagħmel delitt kontra l-persuna jew delitt ta' serq kellu fuqu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari;

(B) Nhar it-18 ta' Ġunju 2018, għall-ħabta ta' 12:45p.m., ġewwa Standa II Self Service fi Triq Karlu Maratta, Tarxien:

4. Ikkommetta serq ta' flus kontanti u xi oġġetti oħra, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-valur, li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), liema serq sar għad-dannu ta' Marion Psaila u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entità u/jew entitajiet ohra;
5. Bla ordni skond il-Liġi ta' l-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-Liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, żamm jew issekwestra lil Tiziana Scerri u Mounira Ayari kontra l-volontà tagħhom, liema delitt sar bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra;
6. Filwaqt li kien qed jagħmel delitt kontra l-persuna jew delitt ta' serq kellu fuqu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari;

(C) Nhar is-16 ta' Ġunju 2018, għall-ħabta ta' 2:15p.m., ġewwa The Convenience Shop fi Triq Dawret it-Torri, Santa Luċija:

7. Ikkommetta serq ta' flus kontanti u xi oġġetti oħra, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-valur, li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), liema serq sar għad-dannu tas-soċjetà Daily Retail Challenge Ltd. u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entità u/jew entitajiet ohra;
8. Bla ordni skond il-Liġi ta' l-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-Liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, żamm jew issekwestra lil Ramona Caruana u Naomi Cutajar kontra l-volontà tagħhom, liema delitt sar bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra;
9. Filwaqt li kien qed jagħmel delitt kontra l-persuna jew delitt ta' serq kellu fuqu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari;

(D) Ukoll talli f'dawn il-Gżejjer, fis-27 ta' Lulju 2018, u/jew fix-xhur ta' qabel:

10. Ġarr 'l barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellu liċenza jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija;

11. Finalment, ukoll, talli rrenda ruħu reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, permezz ta' diversi sentenzi definittivi mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Qrati ta' Malta;

L-imputat wieġeb li huwa ħati ta' l-akkużi kif deddoti fil-konfront tiegħu.

Fid-dawl ta' tali ammissjoni l-Qorti qed issib lill-imputat ħati ta' l-akkużi kollha dedotti fil-konfront tiegħu.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati mwettqa u ammessi mill-imputat u l-fedina penali tiegħu li turi li għandu karattru refrattarju tant illi, fost affarijiet oħra, fi żmien sitt xhur minn meta ħareg mill-ħabs wara li skonta piena ta' prigunerija għal reati simili għal dawk mertu ta' dawn il-proċeduri, huwa rega' wettaq l-istess tip ta' reat, iżda ħadet in konsiderazzjoni wkoll l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat, il-fatt li l-flus li nsterqu, għajr għall-ammont ta' €350 rappreżentanti l-valur ta' *top-up cards* li nsterqu mill-imputat, ġew restitwiti lill-vittmi u l-fatt li l-imputat għandu problema serja ħafna ta' abbuż ta' droga li waħdu ma huwiex kapaċi jegħlibha kif ukoll għandu problemi kemm ta' natura psikologika kif ukoll psikjatrika għali liema problemi jeħtieġ jingħata l-kura meħtieġa w idoenja, hekk kif jirriżulta mir-Rapport ta' Dr. Kevin Sammut Henwood. Ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-*pre-sentencing report* imħejji mill-Uffiċjal tal-Probation Deborah Farrugia, liema *pre-sentencing report*, għad illi d-Difiża ppruvat tiskreditah, jagħti stampa ċara tas-sitwazzjoni li fiha jinsab l-imputat u meta kkunsidrat flimkien mar-Rapport imħejji minn Dr. Kevin Sammut Henwood, effettivament jagħti indikazzjoni ċara tal-piena idoneja f'dan il-każ għall-fini li l-imputat mhux biss jerfa' r-responsabilità ta' l-aġir u għemil tiegħu u jwieġeb għall-istess imma anke jingħata l-għajnuna u l-kura meħtiega sabiex il-problemi kollha li għandu, ossia l-problema ta' l-abbuż tad-droga kif ukoll il-problemi psikoloġiċi u psikjatrici, jiġu debitament indirizzati għall-fini li finalment l-imputat jasal biex jgħix ħajja stabbli.

Dejjem għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-fatt li hawn si tratta reati kontinwati izda li jissussisti l-assorbiment tar-reati bejn id-diversi reati dedotti fil-konfront ta' l-imputat. Ħadet in konsiderazzjoni ukoll is-sottomissjoni tad-Difiża li siccome fil-każ in eżami l-maġġor parti tal-flus li insterqu ġew restitwiti għandu japplika t-tnaqqis tal-piena previst u kontemplat fl-Artikolu 337(2)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta. Fir-rigward ta' tali sottomissjoni però l-Qorti tosserva li t-tnaqqis kontemplat u previst fl-imsemmi Artikolu 337(2)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta ma japplikax fil-każ in eżami u dana billi a tenur tas-subartikolu (4) ta' l-imsemmi Artikolu tal-Liġi: *id-disopsizzjonijiet tas-subartikoli (2) u (3) ma jgħoddux: (a) fil-każ ta' serq ikkwalifikat bi vjolenza li tkun tikkonsisti f'omiċidju volontarju, attentat ta' omiċidju, offiża volontarja fuq il-persuna jew sekwestru tal-persuna; (b) fil-każ ta' serq ikkwalifikat bi vjolenza diretta kontra xi waħda mill-persuni imsemmija fl-artikolu 276A; (ċ) fil-każ ta' serq li filwaqt li dan ikun qed isir tiġi kkaġunata mewt jew offiża fuq il-persuna kif provdut fl-Artikolu 226A.*

Fil-każ in eżami l-imputat qed jigi akkużat, fost affarijiet ohra, ta' serq aggravat bil-vjolenza u, in konnessjoni ma' tali serq aggravat bil-vjolenza, b'arrest, detenzjoni jew sekwestru kontra l-Liġi ta' diversi persuni, li jfisser għalhekk li l-imputat qed jiġi essenzjalment akkużat bir-reat, minnu del resto ammess, ta' serq aggravat bil-vjolenza li tikkonsisti, *inter alia*, f'sekwestru ta' persuna. Id-disposizzjoni ta' l-Artikolu 337(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta hija ċara u fid-dawl ta' tali ċirkostanzi l-Qorti hija mill-Liġi stess prekluża milli tapplika t-tnaqqis tal-piena previst fis-subartikolu 2(b) ta' l-imsemmi Artikolu tal-Liġi. Għal kull buon fini jiġi in fine osservat li a tenur tas-subartikolu (5) ta' l-Artikolu 337 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta: *iċ-ċirkostanzi imsemmija fis-subartikoli (1) u (2)* - inkluż għalhekk ir-restituzzjoni ta' l-oggetti/flus misruqa - *ma għandhomx jitqiesu bħala raġunijiet speċjali jew straordinarji għall-finijiet ta' l-artikolu 21.*

Għaldaqstant fid-dawl ta' dan kollu appena osservat u wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 18, 49, 50, 86, 87(1)(e), 261(a),(b) u (c), 262(1)(a), (b) u (2), 263(b), 267, 275, 277(b), 279(a), 280(2) u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikoli 51(7) u 55(a) tal-Kap.480 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti, filwaqt li ttenni li qed issib lill-imputat, fuq ammissjoni tiegħu, ħati ta' l-akkużi kollha dedotti kontrih, tikkundannah għall-perijodu ta' tlett (3) snin priġunerija effettiva.

Peress illi l-arma li ntużat mill-imputat fit-twettiq tar-reati formanti l-mertu ta' dawn il-proċeduri ma ġietx esebita fl-atti ta' dawn il-proċeduri, il-Qorti ma hijiex ħa tapplika il-provvediment ta' l-Artikolu 56 tal-Kap.480 tal-Liġijiet ta' Malta.

A tenur ta' l-Artikolu 412D tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tqiegħed lill-imputat taħt Ordni ta' Trattament, u dana għall-perijodu ta' tlett (3) snin dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza u taħt il-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet ta' Ordni ta' Trattament mogħti llum stess, liema Digriet jifforma parti integrali minn din is-sentenza, sabiex l-imputat jitqiegħed taħt u jingħata t-trattament meħtieġ u adattat sabiex jiġu indirizzati l-problemi psikoloġiċi u psikjatriċi li huwa għandu kif ukoll il-problema ta' abbuż ta' droga li għandu l-istess imputat.

A tenur ta' l-Artikolu 412D(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tieghu kif ukoll ir-responsabilità tiegħu f'każ li ma jikkonformax ruħu ma xi rekwizit jew xi kondizzjoni ta' tali Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu, u ċioè li f'tali eventwalità il-Qorti tista' twaħħlu ammenda ta' mhux iżjed minn elf mija erbgħa u sitting Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69).

In fine u bla preġudizzju għal dak kollu hawn premess, deċiz u ordnat, inkluz għalhekk bla preġudizzju ghall-Ordni ta' Trattament maħruġ illum stess fil-konfront ta' l-imputat, il-Qorti tagħmel rakkomandazzjoni lid-Direttur tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin sabiex tul il-kors tas-sentenza ta' priġunerija hawn imposta fuq l-imputat, l-istess imputat jibqa' jingħata l-għajnuna psikoloġika u psikjatrika meħtieġa kif ukoll jingħata l-għajnuna fuq il-vizzji bl-iskop aħħari li huwa ikun jista' jibda programm ta' rijabilitazzjoni.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**